# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 17 ta' Marzu, 2021.**

**Numru 10**

**Rikors numru 701/18/1 JVC**

**Id-Direttur, Qrati Civili u Tribunali bhala Registratur, Qrati Civili u Tribunali**

**v.**

**Paul Joseph Gauci, Perit Stephen Vancell u Mario Scicluna u b'digriet tat-22 ta' Jannar 2019 Din l-Art Helwa ġiet awtorizzata tintervjeni *in statu et terminis***

1. Dan hija sentenza wara tlett appelli ntavolati mill-konvenuti dwar digriet mogħti mill-ewwel Qorti fit-22 ta' Jannar 2019 permezz ta' liema Din l-Art Ħelwa ġiet ammessa biex tintervjeni f'dawn il-proċeduri *in statu et terminis.* Din hija kawża ta' disprezz kontra l-Awtorita` tal-Qorti ai termini tal-Artikolu 997 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, li ġiet intavolata mill-attur fuq ordni tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili wara talba ta' Din l-Art

Ħelwa fl-atti tar-Rikors Ġuramentat 986/2012AF fl-ismijiet **Christianne Attard nee` Debattista v. Emanuel Spiteri**. F'dik il-kawża l-konvenuta Spiteri kienet ġiet ordnata tagħmel xi xogħolijiet rimedjali neċessarji fil-fond 3/9, Triq Scicluna, San Ġiljan, sabiex ma jkomplix jipperkola ilma fil-fond tal-attriċi Attard. Wara illi ngħatat is-sentenza Paul Joseph Gauci akkwista u sar il-proprjetarju tal-fond tal-konvenuta Spiteri. Din l-Art Ħelwa sussegwentement kienet allegat illi l-konvenuti kien għamlu xogħolijiet ben oltre minn dak ordnat mill-Qorti, u ċioe` li kienet ġiet demolita parti minn Villa St. Ignatius, u dan mingħajr is-sorveljanza tal-periti maħtura mill-Qorti fis-sentenza datata 22 ta' Ġunju 2017. F'dawn il-proċeduri ta' disprezz, u permezz ta' rikors datat 24 ta' Settembru 2018, Din l-Art Ħelwa talbet sabiex l-istess għaqda tiġi ammessa fil-proċeduri ta' disprezz *in statu et terminis* u argumentat illi hija għandha l-interess ġuridiku rikjest sabiex tiġi ammessa fil-kawza kemm għaliex dawn il-proċeduri kienu ġew mibdija minnha u wkoll għaliex il-Qorti tal-Appell irrikonoxxiet l-interess ġuridiku ta' assoċjazzjoni soċjo-ambjentali f'dak li jirrigwarda żvilupp fis-sentenza tas-27 ta' Mejju 2016 fl-ismijiet **The Ramblers Association of Malta v. L-Awtorita` Maltija tal-Ambjent u l-Ippjanar** u għaliex għandha interess fl-eżitu tas-sentenza peress illi l-każ odjern jista' jinkludi l-bini mill-ġdid ta' dak li allegatament twaqqa' abbużivament. Il-konvenuti appellanti oġġezzjonaw għal din it-talba, li sussegwentement ġiet milqugħa mill-ewwel Qorti permezz ta' digriet

datat 22 ta' Jannar 2019, li minnu l-konvenuti ġew debitament awtorizzati jinterponu l-appell odjern.

2. Paul Joseph Gauci preżenta r-rikors tal-appell tiegħu fit-22 ta' Lulju 2019 u talab lil din il-Qorti sabiex tirrevoka d-digriet imsemmi u tiċħad it-talba ta' Din l-Art Ħelwa biex tintervjeni *in statu et terminis.* L-appellant argumenta illi għalkemm huwa minnu illi l-proċeduri ta' disprezz bdew fuq rapport ta' Din l-Art Ħelwa l-mertu tal-proċeduri ta' disprezz ma jolqotha bl-ebda mod u l-eżitu tagħhom ma jista' jagħtiha ebda vantaġġ ġuridiku dirett u attwali. Jargumenta illi Din l-Art Ħelwa lanqas biss kienet parti jew kellha x'taqsam mal-kawża fl-ismijiet **Christianne Attard neé Debattista v. Emanuel Spiteri et** fejn il-Qorti kienet ordnat li jsiru xogħolijiet mill-konvenuti Emanuel Spiteri favur l-attriċi Christianne Attard u d-drittijiet li joħroġu minn dik is-sentenza kienu drittijiet tal-attriċi biss u kienet hi biss li setgħat tilmenta minn nuqqas ta' esekuzzjoni tas-sentenza. Jgħid illi ebda terzi ma kellhom dritt jintervjenu fi proċeduri wara sentenza fejn ma kinux parti u li l-attriċi kellha kull dritt li tirrinunzja għall-effetti tas-sentenza f'liema każ ħadd ma kellu dritt aktar li jindaħal ġaladarba l-attriċi għazlet li ma tagħmel xejn u jidher li kienet sodisfatta bix-xogħolijiet esegwiti. Jargumenta illi fi proċeduri ta' disprezz il-partijiet huma biss ir-Reġistratur tal-Qrati u l-parti li tkun akkużata b'atti ta' disprezz lejn il-Qorti, u jagħmel referenza għall-ġurisprudenza li tgħid illi l-proċeduri ta' disprezz m'humiex rimedju għall-persuna li tkun talbet it-

tehid tagħhom u li għaldaqstant Din l-Art Ħelwa m'għandha l-ebda *locus standi* f'dawn il-proċeduri.

3. Mario Scicluna preżenta r-rikors tal-appell tiegħu fl-24 ta' Lulju 2019 permezz ta' liema talab lil din il-Qorti sabiex tirrevoka contrario imperio d-digriet in kwistjoni u tiċħad l-intervent ta' Din l-Art Ħelwa bħala parti kontendenti f'dawn il-proċeduri. Huwa jargumenta illi kawża ta' disprezz hija kawża ta' natura straordinarja u l-unika persuna b'rekwiżit ġudizzjarju li jista' jivvestixxi bħala attur fil-kawża huwa biss id-Direttur, Qrati Ċivili u Tribunali bħala Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali in rappreżentanza tal-Qorti oltraġġata, u li l-proċeduri ta' disprezz m'humiex rimedju għall-persuna li tkun talbet it-teħid tagħhom. Jargumenta illi l-proċediment ta' disprezz huwa wieħed ta' natura penali u għalhekk kull ma tgħid il-liġi għandu jitħares skont il-kelma tal-liġi u l-ispirtu li jħares il-jeddijiet tal-"akkużat" f'dak kollu li jista' jitqies ta' natura penali u għaldaqstant m'huwiex permess illi l-istitut tar-rispett li għandu jinġieb lejn il-Qorti jitwessa b'analoġija. Jargumenta illi skont il-liġi u l-ġurisprudenza l-parti attriċi fi proċeduri ta' disprezz għandha tkun biss il-Qorti b'rappreżentazzjoni ġudizzjarja mid-Direttur Qrati Ċivili u Tribunali bħala Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali għaliex in-natura ta' dawn il-proċeduri timporta l-apprezzament taċ-ċirkostanzi li fihom l-ordni tal-Qorti jkun ġie allegatament sfidat. Jgħid illi għalhekk, anke jekk Din l-Art Ħelwa jista' jkollha xi interess fl-eżitu ta' dawn il-proċeduri, ir-regoli proċedurali ma

jippermettux illi Din l-Art Ħelwa tkun istitwita bħala parti f'dawn il-proċeduri.

4. Il-Perit Stephen Vancell preżenta r-rikors tal-appell tiegħu fl-24 ta' Lulju 2019 permezz ta' liema talab lil din il-Qorti sabiex tħassar u tirrevoka d-digriet appellat u tiċħad it-talba ta' Din l-Art Ħelwa. L-appellant jargumenta illi l-fatt waħdu li Din l-Art Ħelwa għandha l-għan tagħha t-tħaris tal-wirt storiku nazzjonali ma jagħtix lok għall-interess ġuridiku u sostanzjali li jirrikjedi l-istitut tal-intervent *in statu et terminis.* Huwa jsostni illi minkejja li l-proċeduri ta' disprezz bdew fuq rikors ta' Din l-Art Ħelwa, il-mertu ta' dawn il-proċeduri bl-ebda mod ma' jolqot lill-istess għaqda u l-eżitu tal-proċeduri ma jista' jagħtiha l-ebda vantaġġ ġuridiku dirett u attwali, u jżid illi din l-għaqda lanqas biss kienet parti fil-proċeduri fejn ġie ordnat li jsiru x-xogħolijiet mertu tal-proċeduri ta' disprezz. Jilmenta illi l-ewwel Qorti ma tat l-ebda raġuni għalfejn l-għan ta' tħaris tal-wirt storiku nazzjonali kellu jitqies bħala interess ġuridiku u sostanzjali. Huwa jżid ma' dan illi tenut kont tan-natura ta' dawn il-proċeduri, l-għan ta' Din l-Art Ħelwa ma jagħtix lok għall-interess ġuridiku u sostanzjali rikjest għaliex m'hijiex appell minn applikazzjoni tal-ippjanar jew kawża kontra xi organu tal-Istat fejn l-għan tal-għaqda jista' jwassal għall-interess ġuridiku rikjest, iżda kawża ta' indole penali fil-konfront ta' individwi personali [*recte:* privati]. Jagħmel referenza għall-ġurisprudenza skont liema l-għanijiet ta' dawn il-proċeduri jmorru lil hinn minn kull kwistjoni, ewlenija jew anċillari,

li wieħed jistenna li ser ikunu meqjusin minn qorti jew tribunal investit bis-smigħ tal-proċess ċivili u li għalhekk Din l-Art Ħelwa m'għandhiex l-interess ġuridiku rikjest f'dawn il-proċeduri ġaladarba dawn il-proċeduri huma maħsuba biss sabiex iħarsu r-rispett lejn il-Qorti.

5. Din l-Art Ħelwa preżentat ir-risposta tal-appell tagħha fl-14 ta' Awwissu 2019 permezz ta' liema ssottomettiet illi d-digriet appellat għandu jiġi kkonfermat, bl-ispejjeż kontra l-appellanti. L-appellata issostni illi l-argumenti magħmula mill-appellanti dwar il-*locus standi* tagħha biex tressaq ir-rikors li bih inbdew dawn il-proċeduri ta' disprezz ma jifformawx il-mertu ta' dawn il-proċeduri. Targumenta illi skont il-ġurisprudenza l-grad ta' interess meħtieġ sabiex parti tintervjeni f'kawża huwa ferm aktar baxx minn dak rikjest sabiex parti jkollha *locus standi* bħala attur jew konvenuti, u l-oneru tal-prova huwa biss fuq bażi *prima facie* peress illi l-pożizzjoni tagħha fil-kawża m'hijiex identika għal dik ta' kjamat in kawża. Hija targumenta illi mill-ġurisprudenza huwa ċar illi l-leġislatur ried illi d-dritt ta' intervent ikun wieħed wiesgħa li japplika f'kull tip ta' proċedura u illi parti tista' tiġi ammessa fi proċedura anke jekk m'għandhiex l-interess ġuridiku rikjest biex tkun parti fil-kawża tant illi l-intervenut ma jieħux il-pożizzjoni ta' attur jew konvenuti. Targumenta illi hija ħaġa minn ewl id-dinja illi hija għandha l-interess meħtieg biex tintervjeni f'kawża ta' disprezz illi ġiet instigata minnha, u illi huwa ċar illi għandha interess tagħmel sottomissjonijiet dwar l-eċċezzjoni tal-

appellanti illi hija ma kellhiex *locus standi* sabiex titlob li jinbdew proċeduri ta' disprezz fil-konfront tagħhom. Issostni inoltre illi għandha interess tintervjeni f'dawn il-proċeduri in vista tar-rwol tagħha bħala organiżżazzjoni non-governattiva li tiddefendi l-wirt storiku Malti kif fil-fatt ġie rikonoxxut mill-ewwel Qorti u żżid li għalhekk f'dan ir-rwol hija għandha interess li l-bini li ġie demolit irregolarment u bi ksur ta' ordinijiet tal-Qorti jiġi rikostitwit.

6. L-ewwel Qorti waslet għad-deċiżjoni tagħha wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Ikkonsidrat li l-kawza odjerna hija essenzjalment kawza ghad-disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti istitwiti ai termini tal-artikolu 99 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan in segwitu ghall-digriet ta' din il-Qorti kif diveresament presjeduta (iktar 'il quddiem imsejha 'l-ewwel Qorti') tat-18 ta' April 2018 (Dok B).
>
> "Ikkonsidrat li d-Digriet premess gie moghti fuq rikors ta' Din l-Art Helwa, in segwitu ghas-sentenza fil-kaz Christianne Attard nee Debattista v Emanuel Spiteri et. (Rik. Gur. 986/2012 AF).
>
> "Illi l-istitut tal-intervent f'kawza in statu et erminis huwa regolat fil-ligi taghna bl-Art 960 tal-Kap 12 li jiddisponi hekk:-
>
>> "Kull min juri b'sodisfazzjoni tal-Qorti, li huwa ghandu interess f'kawza li tkun miexja bejn partijiet ohra, jista' fuq rikors, jigi mdahhal in statu et terminis, bhala parti fil-kawza, f'kull waqt taghha, sew fil-Qorti ta' l-ewwel grad kemm fil-Qorti fi grad ta' Appell; izda dan l-intervent fil-kawza ma jwaqqafx il-proceduri taghha".
>
> "Illi mill-kontenut ta' din id-disposizzjoni ghandu jirrizulta evidenti li l-ligi taghna riedet taghti fakolta` wiesa` biex parti interessata f'kawza partikolari tinghata l-possibilita` li tigi ammessa anke meta l-istess kawza tkun bejn partijiet ohra u meta l-procedura tkun sahansitra tinsab quddiem Qorti ta' Appell.
>
> "Illi l-interess mehtieg sabiex wiehed jintervjeni skont l-Art 960 tal-Kap 12 irid ikun interess guridiku, u cioe interess sostanzjali u dirett fil-

kawza, mhux sempliciment interess fl-exitu ta' dik il-kawza, bil-hsieb li dak l-ezitu jista' talvolta jkollu implikazzjonijiet - pozittivi jew negattivi f'kawza jew kawzi ohra futuri.

"Illi Mortara fil-"Commentario del Codice u delle Leggi di Procedura Civile" – 1923 – Vol III – pag 256) ighid hekk –

> "…puo' trovarsi ad avere interesse nella lite sotto narii aspetti e perfino a poterne temere un gravamen di fatto e indiretto, qualora il risultato finali di essa, pur non alternando la di lui situazione giuridica, minacciasse di rendere difficile il godimento delle utilita' che vi sono inerenti, od anche dimunuirlo effettivament, sovente la legge inesorabile del fatto compiuto e' piu` forte delle teorie astratte le quali proclamano la innocuita` della cosa giudicata inter alios."

"Illi ghalhekk ghandha tirnexxi talba minn persuna li tkun trid tintervjeni f'kawza jekk l-iskop wara l-intervent taghha jkun sabiex tipprotegi l-interessi taghha f'dik il-kawza partikolari mhux f'kawza jew f'kawzi ohra li talvolta jistghu jigu ntavolati.

"Illi dan premess, ghal dak li jirrigwarda l-proceduri odjerna, m'hemmx dubju li l-procedument ta' disprezz huwa wiehed ta' natura penali, ukoll jekk jiehu s-sura ta' procedure civili. Tali procedimenti jistghu iwasslu sahansitra ghall-kundanna ta' perjodu ta' prigunerija (artikolu 997 tal-Kap 12). Huwa assodat li l-procediment ta' disprezz mhuwiex rimedju ghall-persuna li tkun talbet it-tehid tieghu, imma sanzjoni kontra min ikun gab b'idejh u b'ghemilu (jew bl-ommissjoni tieghu) ksur ta' ordni moghtija lilu.

"Illi kif gie drabi ohra ritenuto, "l-istitut li jirrigwarda r-rispett li ghandu jingieb lill-Qorti (Titolu XVII tal-Kap 12) hu ta' natura penali u hu mahsub biex jassigura l-buon ordni u d-dekor fil-kondotta tal-procedura. Hu istitut li jimponi sanzjonijiet u pieni fuq min jonqos mir-rispett lejn l-Awtorita` tal-Qorti. Il-parti leza hi allura l-Qorti u mhux xi wiehed jew wahda mill-kontendenti." (Ara ad ez, fis-sentenza fl-ismijiet "Avukat Irene Bonello – vs – Onor. Prim. Ministru et" Appell, 28 ta' Frar 1997).

"Illi ghalhekk il-procedura ghad-disprezz hija mahsuba sabiex thares ir-rispett li ghandu jingieb lejn il-Qorti. Il-ksur tal-ordni tal-Qorti tikkostitwixxi disprezz ghall-awtorita`, li bis-sahha taghha tkun inghatat.

"Illi fis-sentenza "Registratur tal-Qrati Superjuri vs Lygia sive Luigia Saliba" (P.A. JRM 7 ta' Mejju 2001) inghad:

> "Illi wahda mis-setghat ewlenin ta' kull Qorti hija dik li taghti ordnijiet lil xihadd, kemm jekk biex dik il-persuna taghmel xihaga, jew biex dik il-persuna ma taghmilx xihaga. Il-ksur ta' kull ordni jikkostitwixxi disprezz ghall-awtorita' li, bis-sahha taghha, dik lordni tkun inghatat. Kif jghallem Denning: "This kind of contempt has the characteristics which are common to all contempts of court. It is a criminal offence. It must be proved beyond reasonable doubt" Bramblevale Limited – 1970. (Ara

> direttur Qrati Civili u Tribunali bhala Registratur Qrati u Tribunali civili vs Mark Debono et, P.A. (124/2009) – 9 ta' Gunju 2010; Registratur tal-Qrati Civili vs Kristinu Giordmaina, P.A. (878/1999/1) – 25 ta' Settembru 2003).
>
> "Illi fil-kaz odjerna, jirrizulta mill-atti li Din l-Art Helwa lanqas kienet parti mill-proceduri in gudikat. Madanakollu l-interess guridiku taghha sabiex jigu skattati dawn il-proceduri gie rikonoxxut mill-ewwel Qorti fid-digriet fuq imsemmi. Ghalhekk din il-Qorti hija rinfaccjata b'sitwazzjoni fejn din l-Organizzazzjoni kienet hi li skattat ir-rapport li wassal ghall-kawza odjerna, ghalkemm dan qed jinghad minghajr l-ebda pregudizzju ghall-eccezzjoni sollevata mill-Perit Stephen Vancell li ghad irid jigi trattat.
>
> "Illi madanakollu, xorta ma jfissirx li Din l-Art Helwa hija awtomatikament parti f'dawn il-proceduri li, kif fuq trattat, huma procedumenti mehuda mir-Registratur b'difisa tal-awtorita' tal-Qorti, ikkonsidrata bhala l-parti lesa.
>
> "Min-naha l-ohra, ma hemm xejn fil-ligi li teskludi li jiddahhlu partijiet ohra interessati fi procedure bhal dawn.
>
> "Illi jigi senjalat li apparti kull konsiderazzjoni ta' piena ghad-disprezz mahsub bl-artikolu 997(1) tal-KAp 12, din il-Qorti tista' f'kaz li ssib li t-talbiet ghandhom jigu akkolti, tordna t-tnehhija ta' "kull dizordni jew inkonvenjent li bih ikun sari r-reat…" (art 997 (2) tal-Kap 12).

"Ir-rikorrenti odjerna tishaq fuq il-valur storiku ta' Villa St. Ignatius, fejn proprju saru x-xogholijiet li allegatament ivvjolaw l-ordnijiet tal-ewwel Qorti.

"Illi taht din l-ottika, din il-Qorti certament issib li l-interess ta' Din l-Art Helwa mhux wahda ipotetika, jew indiretta, imma wahda diretta marbuta ma azzjonijiet li setghu ikkagunaw hsarat lill-oggett ta' wirt storiku u mal-ordnijiet li jistghu jigu moghtija f'kaz ta' sejbien ta' htija.

"Illi kif gie ribadit ukoll "L-intervenjent ma hux 'parti' jew 'kontendent', cioe huwa ma jsirx la attur u lanqas konvenuti." Ghalkemm bhala ammess fil-kawza, hu jista' anki, "sostenendo la ragione sia dell'attore sia del convenuto, ed altra volte pure i propii didritti in confront sia dell'uno che dell'altro, provocare una decisione entro i limiti dell'azione intentata, la quale stabilire certi fatti e certi diritti siane favorevoli, siano contrary a lui stesso, senza essere liberato u condannato." (Kollezz Vol. XXXL.I.321) (sottolinear ta' din il-Qorti).

"Illi jidher car li hemm differenza bejn l-istitut tal-intervent in statut et terminis, u dak tal-kjamat fil-kawza (artikolu 961 tal- Kap 12). Gie enuncjat li l-principju ewlieni li ghandu jitqies huwa li l-kjamat fil-kawza, b'differenza minn dak li jkun indahal fil-kawza minn rajt in statu et terminis, jitqies bhallikieku kien imharrek u, kif juri l-artikolu 962, bis-sentenza moghtija f'dik il-kawza jista' jinheles jew jigi kundannat daqslikieku l-kawza inharget mill-bidunett kontrih (Av. Dr. Eric Mamo et v Cheryl Wismayer – PA (JRM) – 12 ta' Dicembru 2001).

> "Illi kif gie ukoll ritenuto fil-kawza Markiz Joseph Philip Testaferrata Bonici et v Evelyn Micallef et (App Inf. Per Imh. Philip Sciberras – 10 ta' Jannar 2007): "Konformament mas-sistema procedurali taghna skont l-Artikolu 960 tal-Kapitolu 12 jidher illi kondizzjoni necessarja biex terz jiddahhal fil-kaz hi dik li dan hu titolari ta' dritt soggettiv li huwa jrid isostni jew jiddefendi… …".
>
> "Illi d-dritt sostantiv li tirravisa din il-Qorti hija fit-tharis tal-wirt storiku nazzjonali li huwa l-ghan ewelieni ta' Din l-Art Helwa, u fl-allegat hsarat li l-azzjonijiet tal-intimat, dejjem jekk ma mxewx skont is-sentenza tal-ewwel Qorti, setghet halliet fuq proprjeta' in mertu, kif ukoll fuq il-mod kif tali hsarat, jew avveraw, jistghu jigu ripristinati.
>
> "Ghaldaqstant ser tghaddi biex tilqa' t-talba u tilqa' t-talba ta' Din l-Art Helwa u tawtorizzaha tintervjeni in statu et terminis f'dawn il-proceduri."

### *Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti*

7. Mid-digriet appena riprodott huwa ċar illi l-ewwel Qorti bbażat id-deċiżjoni tagħha fuq il-fatt illi l-għan ta' Din l-Art Ħelwa hija l-protezzjoni u l-preservazzjoni tal-wirt storiku Malti. Għalhekk l-ewwel Qorti kienet tal-fehma illi kkonsidrat dan l-għan Din l-Art Ħelwa għandha l-interess ġuridiku rikjest sabiex tintervjeni f'dawn il-proċeduri peress illi jekk il-konvenuti jiġu misjuba ħatja ta' disprezz, huma jistgħu jiġu ordnati, ai termini tal-Artikolu 997 (2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, li jagħmlu dak ix-xogħol meħtieġ għat-tneħħija tad-diżordni jew inkonvenjent li bih ikun sar ir-reat.

8. Il-Qorti tibda billi tosserva illi l-liġi takkorda lill-Qorti diskrezzjoni jekk tawtorizzax jew le talba għall-intervent fil-kawża u dik id-diskrezzjoni ma

tiġix disturbata minn din il-Qorti ħlief jekk ikun jidher li l-eżerċizzju ta' din id-diskrezzjoni jkun sar kontra l-liġi.[1]

9. Din il-Qorti m'hijiex ser tinoltra ruħha fil-kwistjoni dwar jekk Din l-Art Ħelwa setgħatx jew le tagħmel talba sabiex jinbdew il-proċeduri ta' disprezz in kwistjoni, ġaladarba din il-kwistjoni tifforma parti mill-mertu tal-proċeduri ta' disprezz. Għalhekk il-Qorti ma tista' tagħmel l-ebda pronunzjament fuq il-kwistjoni li jista' b'xi mod jinfluwixxi fuq id-determinazzjoni tal-ewwel Qorti dwar dan il-punt, li lanqas huwa parti mill-mertu tad-digriet appellat. Fil-fehma ta' din il-Qorti, ġaladarba l-proċeduri ta' disprezz ġew instigati minn Din l-Art Ħelwa, għandu loġikament isegwi illi l-istess organiżżazzjoni għandha l-interess meħtieġ sabiex tintervjeni fil-proċeduri li ġew instigati minnha stess. Dan dejjem mingħajr preġudizzju għal kwistjoni dwar jekk Din l-Art Ħelwa setgħatx legalment tinstiga l-proċeduri ta' disprezz jew le, li kif ingħad hija parti mill-mertu tal-proċeduri ta' disprezz innifishom.

10. Fid-dawl ta' dan kollu l-Qorti tqis illi l-appellanti ma ressqu l-ebda argument li jista' jwassal lil din il-Qorti sabiex tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti u għaldaqstant l-appelli tal-appellanti kollha qed jiġu miċħuda. `

---

[1] **Michelina mart Alessandro Mallia et v. Gorg Cutajar et** (Appell, 18/11/1963); **David Chetcuti v. Richard Kandler** (Appell, 15/11/2006); **Mark Said v. Vincenzo Grixti** (Appell, 08/01/2008); **Michele Martone v. Gatt Galea & Co** (Appell, 28/06/2009).

**Deċide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appelli kollha tal-konvenuti appellanti u tikkonferma d-digriet appellat, u dan bla preġudizzju għall-kwistjoni dwar jekk il-proċeduri ta' disprezz setgħux inbdew fuq talba ta' Din l-Art Ħelwa.

L-ispejjeż ta' dan l-appell jitħallsu mill-appellanti.

Il-Qorti tibgħat l-atti lura lill-ewwel Qorti għal kontinwazzjoni.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm